

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2008 — LATGA-A vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-419/08)**

(2008/C 313/76)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Lietuvos Aurių Teisių Gynimo Asociacijos Agentūra (LATGA-A) (Vilnius, il-Litwanja) (rappreżentant: M. Favart, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors ir-rikorrenti qed titlob l-annullament parzjali, skont l-Artikolu 230 KE, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, fil-Każ COMP/C2/38.698 — CISAC dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE. Ir-rikorrenti tikkontesta speċifikament l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fl-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata li l-konfini territorjali tal-mandati ta' rappreżentazzjoni reċiproka mogħtija minn soċjetà ta' awturi lil oħra jikkostitwixxu prattika miftiehma bi ksur tal-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali mressqa mir-rikorrenti huma identiċi għal dawk imressqa mir-rikorrenti fil-Kawża T-415/08 IMRO vs Il-Kummissjoni.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2008 — SAZAS vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-420/08)**

(2008/C 313/77)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Združenje skladateljev, avtorjev in založnikov za zaščito avtorskih pravic Slovenije (Sazas) (Trzin, l-Islovenja) (rappreżentant: M. Favart, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 dwar proċedimenti skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE (Każ COMP/C2/38698 — CISAC); u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob, skont l-Artikolu 230 KE, l-annullament tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2008 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/C2/38.698 — CISAC) billi tallega li 24 minn fost is-soċjetajiet ta' CISAC ⁽¹⁾ ibbażati fiż-ŻEE, inkluża r-rikorrenti, ħadu sehem fi prattika miftiehma "billi kkordinaw id-deskrizzjoni territorjali tal-mandati rappreżentattivi reċiproċi mogħtija lil xulxin b'mod li jillimita l-liċenzja għat-territorju domestiku ta' kull soċjeta għall-amministrazzjoni tad-drittijiet tal-awtur (collecting society)."

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili jew identiċi għal dawk imqajma fil-Kawża T-413/08.

⁽¹⁾ Tirreferi għall-Konfederazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tal-Awturi u tal-Kompożituri ("CISAC").

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2008 — Performing Right Society vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-421/08)**

(2008/C 313/78)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Performing Right Society Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Rivas Andrés u M. Nissen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni datata 16 ta' Lulju 2008 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC) minħabba n-nuqqas ta' data tal-bidu tal-perijodu tal-ksur u konsegwentament ta' indikazzjoni ta' kemm dam għaddej il-ksur;